MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 803/2005

**Lombard Bank Malta p.l.c**
**Vs**
**Cole Holdings Limited bhala debitur principali u Kenneth u Vercia konjugi Cole u Kenward u Ruth konjugi Cole bhala garanti solidali**

**Il-Qorti**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet illi:

Peress illi l-Bank attur ikkonceda lis-socjeta’ konvenuta Cole Holdings Limited facilita’ ta’ “overdraft” u in forza ta’ din il-facilita’ l-imsemmija socjeta’ isselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali komplessiv favur l-

istess Bank attur ta’ tnejn u sebghin elf hames mija erbgha u sebghin Liri Maltin u erbghin centezmi (Lm72,574.40) skond ‘*’statement”* hawn anness u mmarkat Dok ‘A’ bl-interessi kkalkolati sat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv;

Peress illi permezz ta’ skrittura privata datata ghoxrin (20) ta’ Jannar elfejn u tlieta (2003) li kopja awtentikata taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok ‘B’ il-konvenuti Kenneth u Vercia konjugi Cole kienu iggarantixxew solidalment mas-socjeta’ konvenuta l-hlas lura ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ sittin elf lira Maltin (Lm60,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

Peress illi permezz ta’ skrittura privata datata ghoxrin (20) ta’ Jannar elfejn u tlieta (2003) li kopja awtentikata taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok ‘C’ il-konvenuti Kenward u Ruth konjugi Cole kienu iggarantixxew solidalment mas-socjeta’ konvenuta l-hlas lura ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ sittin elf lira Maltin (Lm60,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

U peress illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment skond kopja legali ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ April tas-sena elfejn u hamsa (2005) hawn annessa u mmarkata Dok ‘’D’’, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhomx minn din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:-

1) jigu kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ sittin elf Liri Maltin (Lm60,000);

2) tigi s-socjeta’ konvenuta Cole Holdings Limited ikkundannata sabiex thallas lill-Bank attur ir-rimanenti bilanc ta’ tnax-il elf, hames mija erbgha u sebghin Liri Maltin u erbghin centezmi (Lm12,574.40)

u dan skond '*statement*' hawn anness u mmarkat Dok 'A' bl-interessi kkalkolati sat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu, tas-sena elfejn u hamsa (2005) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-22 ta' April 2005, tal-mandati ta' qbid u sekwestru kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Awissu 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l-ohra li huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol.3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifkata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' ecezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fil-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------